MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2007

Numru. 186/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud)**

**vs**

**Giuseppe Spiteri ta' 45 sena, iben il-mejjet Carmelo u Catarina nee' Desira, imwieled iz-Zejtun fl-10 ta' Marzu 1960 u joqghod numru 7, Triq Mikiel Busuttil, Zejtun, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 222560(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Giuseppe Spiteri li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fis-6 ta' Marzu 2006 ghal habta tad-9:30a.m. gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Furjana, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Wayne Martin Decelis wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew

minhabba li kien ghamel dana is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzjoni ta' dak is-servizz u dana bi ksur ta'l-artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.;

talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Wayne Martin Decelis, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, u dana bi ksur ta'l-artikolu 96 tal-Ligijiet ta' Malta;

talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna hsara fuq apparat u cioe' fuq mizien li jintuza ghall-medicina ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, u dana bi ksur ta'l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Wayne Martin Decelis u dana bi ksur ta'l-artikolu 221(1) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti f'dina il-kawza jirrizulta ili dana l-incident inqala' b'konsegwenza ta'ordni ta' transfer minn post tax-xoghol ghal iehor illi irceva l-imputat, liema ordni huwa ma kienx qed jaqbel maghha u dana minhabba, kif ighid huwa stess, ragunijiet ta' sahha tieghu. L-imputat jidher illi ghalkemm kien irceva dina l-ordni mis-superjuri tieghu, xorta wahda irritorna fuq il-post tax-xoghol tieghu u cioe' gewwa l-ispizerija tac-centru tas-sahha tal-Furjana u meta gie mizmum milli jidhol mis-security guard li kien

prezenti, certu Wayne Martin Decelis, huwa baqa' jippersisti fl-azzjoni tieghu sabiex jidhol gewwa dina l-ispizierija bil-konsegwenza illi sehh l-incident mertu ta' dina l-kawza.

Illi mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti gie stabbilit u dana anke mix-xhieda ta'l-imputat stess:

1. Illi l-imputat kien gie moghti ordni ta' trasferiment mill-ispizerija tac-Centru tas-Sahha ghal maintenance section.

2. Illi dina id-decizjoni l-imputat ma qabel xejn maghha.

3. Illi huwa irritorna fl-ispizerija u dana bi ksur ta' l-ordni li kien ghadu kemm irceva.

4. Illi meta rega' inghata ordni mis-security guard sabiex ma jidholx fl-ispizerija huwa xorta wahda baqa' jinsisti illi ried jidhol u ghalhekk ma obdiex l-ordni moghtija lilu.

5. Illi Wayne Martin Decelis jokkupa l-kariga ta' security officer u kien qieghed jezegwixxi ordni moghtija lilu mis-superjuri tieghu.

6. Illi f'dana l-incident is-security sofra griehi ta' natura hafifa.

7. Illi sehhet hsara fuq mizien tal-medicina proprjeta tal-Gvern ta' Malta li waqa' fl-art u inkiser.

Illi l-akkuzi ewlenija li bihom jinsab akkuzat l-imputat huma r-reati ikkontemplati fl-artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9. Issa dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn jikkontemplaw reati kommessi kontra ufficjal pubbliku, huma zewg reati ben distinti minn xulxin u l-elementi ta' kull wiehed minnhom ghandhom karatteristici unici. Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. (ara The Police vs John Shayer et deciza fl-14 ta' Novembru 1959, Police vs Jospeh Polidano – 7 ta' Frar 1966 Il-Pulizija vs Carmelo Zammit – 23 November 1959

fost ohrajn) "*The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the criminal Code* (illum 95 u 96) *does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only in the character of the duties the injured person is performing at the time of the offence. Indeed Section 94* (illum 95) *states "while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty,' whilst section 95* (illum 96) *requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority*." (Police vs A.B. Michael Locking deciza 3 ta' Ottubru 1966).

Illi ghalhekk filwaqt illi ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 huwa reat ta' oltragg lil ufficjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tieghu jew minhabba li ikun qieghed jaqdi tali servizz, l-artikolu 96 jipotizza r-reat ta' attakk jew resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita kompetenti. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan *is-servizz,* jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-*esekuzzjoni ta' dana is-servizz*. (ara sentenza Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali – 9 Settembru 2002)

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi is-security guard Wayne Martin Decelis kien qieghed jezegwixxi ordni moghtija mis-superjuri tieghu u cioe' minn awtorita'. Kien minhabba l-esekuzzjoni ta' dina l-ordni u fil-mument ta'l-esekuzzjoni ta' dina l-ordni illi huwa sefa midrub mill-imputat. Dana sehh minhabba il-fatt illi l-imputat beda joffri resistenza fil-mument illi huwa beda jirrifjuta jobdi l-ordni li kienet qieghda f'dak il-mument tigi ezegwieta minn dana l-ufficjal pubbliku u cioe' mis-security guard Decelis. L-imputat beda jipprova jimbotta ruhu sabiex jidhol gewwa fl-ispizerija, filwaqt illi s-security guard beda izommu fizikament milli jipprova jaghmel dana. Meta dawna it-tnejn minn nies kienu f'dina it-taqtiegha, u cioe' meta fil-

fatt l-imputat beda ipprova jisgicca minn taht idejn is-security guard, huwa imbuttah u dana ta' l-ahhar tilef il-bilanc u waqa' lura bil-konsegwenza illi inkissret bicca pjanca li fuqha kien jinstab mizien proprjeta tal-Gvern ta' Malta li bih kienet titkejjel il-medicina.

Ghalkemm l-imputat ighid illi huwa fl-ebda mument ma qabad lil Decelis minn ghonqu, izda mix-xhieda ta' Decelis stess kif ukoll mic-certifikat mediku esebiet jirrizulta illi fil-fatt il-vittma kellu xi hmura ma' ghonqu kompatibbli ma' marki tas-swaba (ara Dokument GS6 a fol.40), liema feriti gew riskontrati wara li sehh dana l-incident, fost griehi ohra indikati fl-imsemmi certfikat mediku. Dana certament ghalhekk jammonta ghal resistenza kif ikkontemplat fl-artikolu 96 kommessa kontra ufficjal pubbliku filwaqt illi l-imsemmi ufficjal kien qieghed jezegwixxi ordni mogtija lilu minn awtorita'. Illi madanakollu l-Qorti tqies illi dana kien incident uniku li sehh fis-sahna tal-mument u li ma kellux xi konsegwenzi serji. Jidher illi l-imputat anke kellu relazzjoni tajba fuq il-post tax-xoghol tieghu ma' dana is-security guard. Fil-fatt il-vittma f'dana l-incident hafer lill-imputat ghall-agir tieghu.

Fl-ahharnet jirrizulta illi b'konsegwenza ta' dana l-agir ta'l-imputat inkiser mizien li jintuza ghal medicini appartenenti lill-Gvern ta' Malta. Illi fil-fatt l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat ikkomtemplat fl-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali. Illi d-difiza issostni illi l-mizien inkiser minhabba n-negligenza tad-Dipartiment illi halla apparat daqshekk delikat fuq bicca pjanca u mhux f'post fejn setghet tigrilu inqas hsara. Il-Qorti taqbel perfettament illi l-ambjent fi hdan spizerija tal-Gvern ma huwiex wiehed mill-iktar idejali u taqbel ukoll illi apparat ta' certu valur u li jintuza ghal haga daqshekk importanti ma ghandux jitqieghed fuq bicca pjanca, izda l-Qorti ma tistax tikkondividi dak sottomess mid-difiza illi dana il-mizien inkiser b'konsegwenza ta' dina in-negligenza ghaliex li kieku ma inqalax l-incident mertu ta' dina l-kawza, l-mizien certament ma kienx jaqa' minn fuq il-pjanca u jinkiser. Kien biss bl-agir ta'l-imputat illi huwa involontarjament ikkaguna il-hsara f'dana il-mizien. Madanakollu jirrizulta mill-provi prodotti illi ghalkemm dana il-mizien inkiser u

kellu jigi imsewwi, xorta wahda illum imbidel u dana peress illi dana it-tip ta’ apparat ikun irid jinbidel wara certu zmien.

Illi dwar ir-raba akkuza, u cioe’ tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 221(1) tal-kapitolu 9 u cioe’ r-reat tal-offiza ta’ natura hafifa, dana huwa reat li huwa prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza u dana ai termini ta’l-artikolu 221(4), li f’dana il-kaz jidher illi ma saritx u fi kwalunkwe kaz il-vittma hafer lill-imputat ghall-akkadut. (ara xhieda Wayne Martin Decelis a fol. 38)

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 95, 96, 328(d) u 221(1), tal-kapitolu 9 tal_Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li issib lill-imputat Giuseppe Spiteri hati tat-tieni u it-tielet akkuza, tilliberah mill-ewwel u ir-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Illi dwar piena din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz u tenut kont li kollox jidher li gara fil-furja tal-mument u ma kienx hemm xi konsegwenzi ta’ natura serja, u wara ukoll li giet mehuda in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputat, il-Qorti hija tal-fehma illi s-sentenza ta’ habs tkun forsi dannuza oltre l-misurazzjoni ta’ proporzjon li japplika ghal dan il-kaz u l-prezz li jkun hallas ta’l-izball tieghu ikun aktar gravuz milli jixraq. Ghaldaqstant b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------